Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Ġunju 2022**
**(OR. en)**

**9671/22**
**ADD 1**

**JAI 780**
**COPEN 218**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Mejju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 249 final |
| Suġġett: | ANNESS tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<br>Lejn Direttiva dwar il-pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 249 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 249 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2022
COM(2022) 249 final

ANNEX

# ANNESS

*tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*

**Lejn Direttiva dwar il-pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni**

## 1.1. Introduzzjoni

Iż-żieda tal-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") tkun tippermetti lill-Kummissjoni li tipproponi Direttiva skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tkun tista' tqarreb id-definizzjoni ta' reati u pieni kriminali.

Tali proposta tal-Kummissjoni tkun teħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li jirregolaw l-azzjonijiet kollha tal-UE[1]. Jeħtieġ ukoll li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' Regolamentazzjoni Aħjar[2]. Barra minn hekk, il-proposta jkollha bżonn tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet tad-dritt kriminali[3]. B'mod partikolari, l-approssimazzjoni tad-definizzjonijiet u l-pieni tad-dritt kriminali jkollha tqis id-differenzi bejn is-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-pieni.

Barra minn hekk, id-Direttiva sussegwenti jkollha tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta")[4]. B'mod partikolari, jeħtieġ li tiġi żgurata l-konformità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva mad-drittijiet għal-libertà u għas-sigurtà, il-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità, inkluż il-prinċipju tan-nonretroattività ta' pieni kriminali u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali, kif ukoll il-prinċipju *ne bis in idem*, iridu jiġu assigurati.

Id-Direttiva futura tkun tkopri firxa ta' kwistjonijiet tad-dritt kriminali li huma konswetudinarji fid-Direttivi tal-Unjoni bbażati fuq l-Artikolu 83 TFUE. Din li ġejja hija lista illustrattiva ta' dispożizzjonijiet possibbli li jridu jiġu inklużi fil-proposta leġiżlattiva futura.

## 1.2. Kamp ta' applikazzjoni

L-ewwel dispożizzjoni tistabbilixxi l-fini u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u b'mod partikolari tiċċara li tapplika għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni. Dawn il-miżuri restrittivi huma adottati skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 215 TFUE u jinkludu miżuri individwali mmirati, jiġifieri l-iffriżar tal-assi, il-projbizzjonijiet li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi u restrizzjonijiet fuq l-ammissjonijiet (projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar), kif ukoll miżuri restrittivi settorjali, jiġifieri embargi fuq l-armi jew miżuri ekonomiċi u finanzjarji (eż. restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' ċerti servizzi, bħas-servizzi bankarji).

[1] L-Artikoli 5(1) u 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; Il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

[2] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

[3] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Politika Kriminali tal-UE: L-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz tal-liġi kriminali, COM (2011) 573 final, 20.09.2011; Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar linji gwida għad-dritt kriminali futur fil-leġiżlazzjoni tal-UE, Dokument tal-Kunsill 14162/09 tad-9.10.2009; Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali, ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 7–11.

[4] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407.

## 1.3. Definizzjonijiet

Dan l-Artikolu tad-Direttiva jkun fih id-definizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż, meta jkun xieraq, permezz ta' kontroreferenzjar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi. Dawn id-definizzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, "miżuri restrittivi", "entità elenkata" u "persuna elenkata". Eżempju rilevanti ta' miżura tad-dritt kriminali li fiha hemm inklużi l-użu ta' kontroreferenzi simili fid-dispożizzjoni dwar id-definizzjonijiet, hija d-Direttiva 2014/57/UE dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq)[5].

## 1.4. Ir-reati kriminali, inklużi l-inċitament, l-għajnuna, l-assistenza u l-attentat

L-Artikoli dwar ir-reati li jridu jiġu approssimati mid-Direttiva jkunu jinkludu definizzjonijiet preċiżi ta' diversi reati kriminali relatati ma' ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, bħal:

- it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi direttament jew indirettament, lil persuna/entità elenkata jew għall-benefiċċju tagħha;
- in-nuqqas ta' ffriżar ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil persuna/entità elenkata, li jkunu proprjetà tagħhom, miżmuma minnhom jew ikkontrollati minnhom;
- l-involviment f'attivitajiet finanzjarji pprojbiti, bħall-għoti ta' self jew kreditu pprojbiti;
- l-involviment f'attivitajiet ipprojbiti tan-negozju, kummerċjali jew oħrajn, bħall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u ta' teknoloġija koperti minn projbizzjonijiet tan-negozju, jew il-forniment ta' servizzi pprojbiti;
- il-ksur tal-kundizzjonijiet applikabbli skont l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti;
- in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni lill-awtoritajiet, bħall-obbligu li jiġi ddikjarat kwalunkwe assi li jappartjenu lil persuna/entità elenkata, li jkunu proprjetà tagħha, miżmum minnha jew ikkontrollat minnha;
- l-involviment f'azzjonijiet jew attivitajiet li jfittxu li jevitaw direttament jew indirettament il-miżuri restrittivi, b'għarfien u intenzjoni, inkluż billi jkunu involuti fi skemi mfassla biex jaħbu l-assi jew l-involviment ta' persuni/entitajiet elenkati, billi jassistu lill-persuni/entitajiet fil-mira ta' miżuri restrittivi biex jevitaw l-impatt tagħhom, jew billi jipprovdu informazzjoni qarrieqa lill-awtoritajiet;
- in-nuqqas ta' rappurtar ta' ksur ta' miżuri restrittivi, jew attivitajiet li jfittxu li jevitawhom, bi ksur ta' obbligu speċifiku ta' rapportar.

Ir-reati li jridu jiġu approssimati, sakemm ma jkunx previst mod ieħor, ikunu jeħtieġu intenzjoni, jew tal-inqas negliġenza gravi bbażata fuq l-għarfien li l-imġiba tikkonċerna persuni, entitajiet, attivitajiet jew proprjetà soġġetti għal miżuri restrittivi, jew li jiġu injorati miżuri restrittivi jew projbizzjonijiet legali relatati (għama volontarja).

---

[5] Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179–189, l-Artikolu 2.

Id-Direttiva tkun tinkludi wkoll reati relatati, bħall-ħasil tal-flus. Għall-ħasil tal-flus, ikun hemm dispożizzjoni li tobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reat tal-ħasil tal-flus, kif deskritt fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/1673[6], li tkun japplika għall-proprjetà derivata mir-reati kriminali koperti mid-Direttiva.

Barra minn hekk, id-Direttiva jkun fiha dispożizzjoni li tobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-assistenza għat-twettiq tar-reati kriminali msemmijin fid-Direttiva, kif ukoll l-attentat li jitwettqu tali reati, ikunu punibbli bħala reati kriminali[7].

### 1.5. Pieni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi

F'dan ir-rigward, ir-Regolamenti tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 215 TFUE sistematikament jinkludu dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw regoli nazzjonali li jipprevedu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jridu jiġu applikati fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament rilevanti[8]. Peress li dan l-obbligu jħalli lakuni sinifikanti bejn il-livelli u t-tipi ta' pieni, jenħtieġ li d-Direttiva futura jkun fiha Artikolu dwar il-pieni għall-persuni fiżiċi. Dawn il-pieni jkunu applikabbli għar-reati kollha msemmijin fit-taqsima 1.4. hawn fuq, u bl-istess mod jirrikjedu li l-Istati Membri japplikaw pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi kif ukoll jistabbilixxu ċertu minimu tal-pieni kriminali massimi, inklużi multi għall-persuni fiżiċi. Jenħtieġ li tali pieni jkunu proporzjonati fir-rigward tas-serjetà konsiderevoli tar-reati[9].

Barra minn hekk, id-Direttiva tkun tinkludi dispożizzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi. Din id-dispożizzjoni tkun applikabbli għar-reati kollha msemmijin fit-taqsima 1.4 hawn fuq. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jkollhom jistipulaw il-pieni u r-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi:

(i) għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmijin fit-taqsima 1.4. imwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn persuni li jkollhom kariga ta' tmexxija fil-persuna ġuridika; jew
(ii) għan-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuni f'kariga ta' tmexxija li għamel possibbli t-twettiq, minn persuna taħt l-awtorità tagħhom, ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmijin hawn fuq għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika[10].

Id-Direttiva tkun tapprossima wkoll il-pieni applikabbli għall-persuni ġuridiċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont id-dispożizzjonijiet rilevanti diskussi fit-taqsima 1.4. tkun soġġetta għal pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi:

- multi kriminali jew mhux kriminali;

---

6 Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22-30.

7 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ("id-Direttiva PIF"), ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29–41, l-Artikolu 5; Id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq, l-Artikolu 6.

8 Pereżempju, ara l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, it-test konsolidat jinsab fil-EUR-Lex - 02014R0833-20220413 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

9 Ara wkoll id-Direttiva PIF, l-Artikolu 7; Id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq, l-Artikolu 7.

10 Ara wkoll id-Direttiva PIF, l-Artikolu 6; Id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq, l-Artikolu 8.

- esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;
- skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;
- irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;
- tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;
- stralċ ġudizzjarju; u
- għeluq temporanju jew permanenti tal-istabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat[11].

Barra minn hekk, id-Direttiva tista' tipprevedi li jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-persuni ġuridiċi li jibbenefikaw mit-twettiq minn oħrajn ta' reati li jiksru l-miżuri restrittivi tal-Unjoni jkunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn ċertu perċentwal tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi ma teskludix il-possibbiltà ta' proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li jkunu l-awturi tar-reati kriminali previsti fit-taqsima 1.4.

## 1.6. Ċirkustanzi aggravanti u mitiganti

Id-Direttiva jkun fiha wkoll Artikolu li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi aggravanti li jridu jitqiesu meta jiġu applikati pieni għal reat imsemmi fit-taqsima 1.4. iktar 'il fuq. Dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti jistgħu jinkludu:

- konsegwenzi gravi tal-ksur fid-dawl tal-finijiet tal-miżuri restrittivi;
- valur għoli tal-fondi, ir-riżorsi ekonomiċi, l-oġġetti jew it-teknoloġija ikkonċernati;
- ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;
- ir-reat ikun twettaq fil-kuntest ta' attività professjonali privata, inkluż billi wieħed jikser id-dmirijiet professjonali tiegħu;
- ir-reat ikun twettaq fil-kuntest ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI[12];
- ir-reat ikun jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati;
- it-trażgressur ikun wettaq ksur preċedenti simili tad-dritt tad-dritt tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi;
- it-trażgressur ikun fixkel b'mod attiv l-attivitajiet ta' investigazzjoni, jew intimida lix-xhieda jew interferixxa magħhom; u
- ir-reat ikun iġġenera jew kien mistenni li jiġġenera benefiċċji finanzjarji sostanzjali (bil-kunċett ta' benefiċċji finanzjarji sostanzjali jrid jiġi definit aktar fi premessa).

Id-Direttiva jkun fiha wkoll Artikolu li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi mitiganti li jridu jitqiesu meta jiġu applikati pieni għal reat imsemmi fit-taqsima 1.4. iktar 'il fuq. B'mod partikolari, f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jkunu obbligati jiżguraw li, fir-rigward tar-reati

[11] Ara wkoll id-Direttiva PIF, l-Artikolu 10; Id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq, l-Artikolu 9.

[12] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42–45.

msemmijin hawn fuq, ċerti fatti jitqiesu bħala ċirkostanza mitiganti. Dan ikun japplika pereżempju għall-fatt li trażgressur ikun ipprovda lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji b'informazzjoni li kieku ma kinux ikunu jistgħu jiksbu, u jkun għenhom jidentifikaw jew iressqu quddiem il-ġustizzja lit-trażgressuri l-oħrajn jew isibu evidenza.

### 1.7. Regoli ta' ġuriżdizzjoni

Id-Direttiva tkun tinkludi wkoll dispożizzjoni dwar ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni. Fost l-oħrajn, skont l-eżempju tal-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ("id-Direttiva PIF"), Stat Membru jkun jeħtieġ jistabbilixxi ġuriżdizzjoni fuq ir-reati msemmija fit-taqsima 1.4., meta r-reat kriminali jitwettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu jew meta it-trażgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jkunu obbligati jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk jiddeċiedu li jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq reati mwettqa:

(i) minn residenti abitwali fit-territorju tagħhom;
(ii) għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tagħhom; jew
(iii) minn wieħed mill-uffiċjali tagħhom waqt li jaġixxi fid-dmir uffiċjali tiegħu.

F'każijiet meta t-trażgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tagħhom, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jissoġġettaw l-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni għall-kundizzjoni li l-prosekuzzjoni tkun tista' tibda biss wara:

(i) li ssir kwerela mill-vittma fil-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali; jew
(ii) denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.

Ir-Regolamenti tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 215 TFUE sistematikament jinkludu l-klawżola ta' ġuriżdizzjoni li ġejja:

"Dan ir-Regolament għandu japplika:
(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew bastiment fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;
(c) għal kull persuna ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadin ta' Stat Membru;
(d) għal kull persuna, entità jew korp ġuridiku, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li tkun inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru;
(e) għal kwalunkwe persuna, entità jew korp ġuridiku fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni."

Dan ikun rifless ukoll fid-Direttiva. B'mod partikolari, wara l-paragrafu (e) hawn fuq, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jestendu l-ġuriżdizzjoni kriminali tagħhom għal persuni mhux tal-UE barra mit-territorju tal-UE sakemm in-negozju tagħhom ikollu rabta mal-UE (li tista', b'estensjoni, tikkonċerna wkoll l-assi tagħhom).

### 1.8. Termini ta' preskrizzjoni

Id-Direttiva tkun tinkludi dispożizzjoni applikabbli għar-reati kollha msemmija fit-taqsima 1.4 hawn fuq, li tkun teħtieġ l-istabbiliment ta' terminu minimu ta' preskrizzjoni, kif ukoll dispożizzjoni dwar it-terminu ta' preskrizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-pieni wara kundanna

definittiva. Eżempju rilevanti jinsab fl-Artikolu 12 tad-Direttiva PIF. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri jeħtiġilhom:

(i) jistabbilixxu termini ta' preskrizzjoni għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara t-twettiq tar-reati kriminali msemmijin fid-Direttiva, sabiex dawk ir-reati kriminali jiġu ttrattati b'mod effettiv, b'termini ta' preskrizzjoni minimi li japplikaw għal dawk ir-reati punibbli b'piena massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija;

(ii) jieħdu l-miżuri neċessarji biex il-pieni jkunu jistgħu jiġu eżegwiti.

### 1.9. Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni kif ukoll ma' stati terzi

Sabiex tissaħħaħ l-investigazzjoni ta' każijiet b'element transfruntier, id-Direttiva tkun tinkludi dispożizzjoni li tkun teħtieġ kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni, inklużi l-Eurojust u l-Europol[13]. Din id-dispożizzjoni tad-Direttiva tiffaċilita wkoll il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet prattiċi (b'mod partikolari, xejriet ta' ċirkomvenzjoni, eż. strutturi biex jaħbu s-sjieda/kontroll reali tal-assi) ma' awtoritajiet fi Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni.

### 1.10. Informaturi

Biex tissaħħaħ l-effettività tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar nediet l-Għodda tal-UE għall-Informaturi dwar ksur tas-Sanzjonijiet[14]. Minħabba l-importanza tal-kontribut tal-informaturi għall-applikazzjoni xierqa tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi obbligu għall-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937[15] tkun applikabbli għal persuni li jirrapportaw reati kriminali msemmijin fid-Direttiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri ikunu obbligati jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemmijin fid-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali[16].

## 2. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Ladarba l-Kunsill jilħaq ftehim u l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu biex jiżdied il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tipproponi minnufih Direttiva skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tista' tqarreb id-definizzjoni tar-reati u l-pieni kriminali.

13 Ara wkoll id-Direttiva PIF, l-Artikolu 15.

14 Il-Kummissjoni Ewropea, Ħarsa ġenerali lejn is-sanzjonijiet u l-għodod relatati, li tinsab hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/international-relations/restrictive-measures-sanctions/overview-sanctions-and-related-tools_en#whistleblower.

15 Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17–56.

16 Ara wkoll il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE, COM(2021)851 final, 15.12.2021, l-Artikolu 13.

Tali proposta tal-Kummissjoni tkun teħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li jirregolaw l-azzjonijiet kollha tal-UE[17]. Jeħtieġ ukoll li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' Regolamentazzjoni Aħjar[18].

[17] L-Artikoli 5(1) u 5(4) TUE; Il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

[18] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.